Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar numru 76, miżmuma nhar it-Tlieta 29 ta' Jannar 2019, ġewwa l-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar.

Il-Laqgħa bdiet fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija.

---

Membri Preżenti:

- Anne Fenech — Sindku
- Rodney Galea — Kunsillier
- Joseph Vella — Kunsillier
- Dounia Borg — Kunsillier
- Graziella Galea — Kunsillier
- Antoinette Bezzina — Kunsillier
- Mandy Buhagiar — Kunsillier (17.45)

Membri Skużati:

- Daniel Grima — Viċi Sindku
- Alfred Grima — Kunsillier
- Paul Bugeja — Kunsillier
- Robert Piscopo — Kunsilier
- Stephen Cremona — Kunsillier

Membri Assenti:

- Edward Bugeja — Kunsilier

Segretarju Eżekuttiv – Mariella Strout

## Minuti 76

Fil-ħin li nfetħet il-Laqgħa ma kienx hemm kworum minħabba li f'dak il-ħin kien hemm biss is-Sindku Anne-Marie Fenech u l-Kunsilliera Rodney Galea, Joseph Vella, Graziella Galea Antoinette Bezzina u Dounia Borg.

Il-Membri Preżenti stennew nofs siegħa hekk kif titlob il-Liġi.

Fis-17.45 waslet il-Kunsillier Mandy Buhagiar u għalhekk intlaħaq il-kworum u setgħet tibda l-Laqgħa.

### 76.1 Qari tal-ittri t' apoloġiji;

Is-Sindku qrat l-ittri t'apoloġiji:
Il-Kunsilliera Alfred Grima u Paul Bugeja kienu t-tnejn imsefrin.
Il-Viċi Sindku Daniel Grima ma setgħax jattendi minħabba xogħol.
Il-Kunsillier Robert Piscopo ma setgħax jattendi minħabba mpenji urġenti.
Il-Kunsillier Stephen Cremona ma setgħax jattendi minħabba raġunijiet li ma kellux kontroll fuqhom.

### 76.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

#### 76.2.1: Approvazzjoni tal-Minuti nru 74

Paġna 5 - Il-Kunsillier Graziella Galea ressqet nota illi fl-aħħar hemm miktub "il-minuti diġa' approvati kif emendati", l-emendi tal-Minuti l-oħra qegħdin imniżżla u tal-Minuti 73 mhumiex imniżżla.

Paġna 6 - Il-Kunsillier Graziella Galea qalet li qabel il-quarterly financial report kienet twaqqfet il-Laqgħa biex titkellem l-accountant.

Paġna 6 – Il-Kunsillier Mandy Buhagiar qalet li fl-aħħar paragrafu, fejn hemm miktub "Il-VAT receipts kienu rċevuti għalhekk stajna mmexxu" ma tagħmilx sens.
Il-Kunsillier Joseph Vella għadda punt li l-VAT receipts ma kienux waslu.
Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ser tiċċekkja mal-acoountant.
Il-Kunsillier Graziella Galea ssuġġeriet li dik il-parti tal-paragrafu tinqata kollha barra minħabbali ma kienetx qed tagħmel sens.

Paġna 9 - Il-Kunsillier Graziella Galea qabel 74.11 għandu jitniżżel "Kien hemm qbil mill-Kunsilliera kollha preżenti biex jiġi diskuss item 74.11".

Paġna 9 - Il-Kunsillier Joseph Vella ressaq punt li dak kollu li hemm miktub wara li hu qam minn fuq il-mejda jrid jitneħħa. Dan għaliex, il-Laqgħa ma setgħetx baqgħet għaddejja wara li waqa' l-kworum. (5.53)
Il-paragrfu jrid jasal sa' "kienu saru t-tmienja u nofs" u jitħassar minn "huwa" sa "laqgħa". Ried ukoll jitniżżel li hu kien telaq mil-laqgħa għax kienu saru t-tmienja u nofs u mhux bi protesta.

Punt 74.11 "Is-Sindku ssospendiet il-laqgħa biex jitkellum rappreżentanti tas-Sirens" – Il-Kunsillier Joseph Vella ressaq punt li mhux suppost tniżżlu minuti waqt li r-rappreżentanti kienu qed jitkellmu. Dawn iridu jiġu mniżżlin wara li l-laqgħa kompliet, mhux waqt is-sospensjoni.

"Il-Kunsilliera preżenti qablu" – Il-Kunsillier Graziella Galea kkonfermat li l-Kunsilliera kienu qablu mal-proposta mressqa minn Sirens AC , iżda kellha tiżdied li kellha ssir ittra mill-Kunsill.

## 76.2.1: Approvazzjoni tal-Minuti nru 75

Kien waqa' l-kworum u l-laqgħa ma kinitx saret.

Il-Minuti ġew approvati kif kienu preżentati.

## 76.3: Komunikazzjoni mis-Sindku

**Imejl mingħand Association for Parkinsons Disease** – talba għal kamra biex isiru laqgħat darba fil-ġimgħa bejn is-6.30pm u t-8pm. Is-Segretarju Eżekuttiv issuġġeriet li dawn il-laqgat isiru filgħodu biex jigwadanjaw minnhom anzjani li jattendu ċ-ċentru ta' matul il-jum, pero' kienet għadha ma waslitx risposta.
Il-Kunsillier Rodney Galea ssuġġerixxa li jkun hemm kamra bħala *backup* f'każ t'emerġenza, biex il-laqgħat ikunu jistgħu isiru fiha. Issuġġerixxa li l-Kunsill jiċekkja maċ-Ċentru LEAP.

**Proposta għal installazzjoni ta' tower crane fi Triq Sant'Aristakus u minflok jitħallsu l-permessi tas-soltu, jsiru xogħolijiet t' *embellishment* fiż-żona** – Il-Kunsillier Dounia Borg qalet li dawn għandhom iħallsu l-permessi lill-Kunsill u l-Kunsill jagħmel l-*embellishment.* Il-Kunsillier Graziella Galea ssuġġeriet li din il-korrispondenza jaraha l-Bord tal-Infrastruttura, jiddeċiedu l-membri tal-bord, u wara titla quddiem il-Kunsill kollu.
Kien miftihem li l-kuntrattur għandu jħallas l-ammonti tal-permessi bħal ħaddieħor.

**Korrispondenza mingħand bejjiegħ li jarma kull sena ħdejn il-pjazza ta' Buġibba biex ibiegħ iż-żraben** – Talab li jingħata l-permess li jingħata kull sena biex jarma mejda mingħajr ma jkun t'ostaklu. Il-Kunsillier Graziella Galea ressqet punt li dan mhux responsabbilta' tal-Kunsill. Is-Sindku qalet li dan għandu l-permessi neċessarji mingħand it-Trades Department u talab *no objection* mingħand il-Kunsill Lokali. Il-Kunsillier Graziella Galea qalet li ma taħsibx li għandha toħroġ no objection mill-Kunsill Lokali minħabba li qabel kien twaqqaf mill-Pulizija u mhux il-kompetenza tal-Kunsill. Il-Kunsilliera Rodney Galea u Dounia Borg għamlu punt li l-

permess li għandu l-applikant mhux ta' *hawker* bħal tal-ħaxix, iżda bħal tal-bejjiegħa tal-monti. Is-Sindku għaddiet punt li hija ħaġa sabiħa li nforma l-Kunsill bit-talba tiegħu. Il-Kunsillier Mandy Buhagiar qalet li l-Kunsill irid jirrispondieh li l-Kunsill ma jidħolx fiha, pero', sakemm għandu l-permessi kollha neċessarji, m'għandux problemi mal-Pulizija u legalment intitolat li jarma, il-Kunsill mhux ser iwaqqfu.

**Ittra ta' riżenja minn Assistent Prinċipal fi ħdan il-Kunsill Lokali** – Is-Sindku qrat l-ittra ta' riżenja tas-Sur Shayan Sheikh, fejn ukoll irringrazzjatu tal-ħidma tiegħu u awguratlu għax-xogħol il-ġdid tiegħu. DB għaddiet punt ukoll, li bħala parti mill-Bord tal-Attivitajiet, ħadmu tajjeb ħafna miegħu, anki f'ħinijiet li ma kienux waqt il-ġurnata tax-xogħol tiegħu.

**Kumpens relatat mal-bankina ta' Triq Santa Marija, Buġibba** – Madwar sena ilu kienu saru xogħolijiet fuq il-bankina f'din it-triq, b'konsegwenza li l-livell għola u r-residenta ġarrbet xi ħsarat fil-karozza tagħha minħabba din il-bidla fil-livell. Il-Kunsilliera kkummentaw li din il-bankina ilha li saret. Is-Sindku qalet li x-xogħolijiet li saru kienu fi Triq Sant'Antnin u mhux fi Triq Santa Marija. Il-Kunsillier Antoinete Bezzina kkummentat kif taħt il-bankina kien tħalla kollu mkisser.Il-Kunsillier Graziella Galea ssuġġeriet li l-Kunsill jirrispondi lill-Avukat li x-xogħolijiet fuq din il-bankina ma sarux mill-Kunsill Lokali. Il-Kunsillier Rodney Galea għadda punt li l-bankina ilha hemm żmien u mhux lok li l-Kunsill jirranġa bankina li m'għamilx hu.

**Korsijiet ta' taħriġ għal Fire Warden mill-AKL** – Is-Sindku nformat lill-membri li kull min hu parti mill-Kunsill Lokali jista jattendi dan il-kors. Kull min hu nteressat li jattendi, għandu jinforma lill-uffiċċju minħabba li hemm pagament għal dan il-kors.

**L-ewwel *trench* t'allokazzjoni finanzjarja mingħand MITA għas-sena 2019** – Allokazzjoni li tibda mill-1 ta' jannar 2018 sal-31 ta' Diċembru 2018 bl-ammont ta' €1,141.31.

**Stedina mingħand Radju Malta** – Is-Sindku nformat lill-membri preżenti, li min jixtieq imur jitkellem fuq ir-raħal, jinforma lill-Kunsill.

**Riklam - Festa Burmarrad** – Ir-riklam jiswa €100, jieħu paġna sħieħa A5 u jkun iswed u abjad. Kien hemm qbil unanimu li jsir dan ir-riklam. (32,40)

**Festa ta' San Pawl il-Baħar *Annual Calendar*** - Talbu donazzjoni għal riklam li jsir kull sena, li jiswa €110. Il-Kunsillier Mandy Buhagiar qalet li bħal ma l-Kunsill jagħti lil Burmarrad, għandu jagħti lilhom ukoll.

**Korrispondenza rigward il-proġett tal-*Mistra Village*** – Is-Sindku qalet li l-*item* issa telgħet għalxejn minħabba li minħabba li ma sarux iż-żewġ laqgħat ta' qabel, leħaq għadda ż-żmien u ttieħdet deċiżjoni. Il-Kunsillier Graziella Galea ressqet punt li qed ikun hemm ħafna tgergir mir-residenti dwar dan il-proġett. Is-Sindku għaddiet punt li kienet iddiskutiet mas-Segretarju Eżekuttiv, li l-kuntrattur tal-Mistra Village għandu jagħmel laqgħa mar-residenti tax-Xemxija.

**Middlesea Grouphealth Policy renewal** – Polza t'assigurazzjoni tas-saħħa għall-impjegati u membri tal-Kunsill kollha għas-sena 2019. Il-membri preżenti qablu li għandha tibqa tiġi mħallsa.

**Polza t'assigurazzjoni tal-flus tar-Reġjuni u Kunsilli Lokali** – Il-Ħlas ta' din l-assikurazzjoni hu ta' €65 fis-sena, li fis-snin li għaddew tħallset ukoll. Kien hemm qbil li titħallas ukoll.

**Korrispondenza rigward Porto Del Sol, Telgħet ix-Xemxija** – Din l-*item* kellha titla f'waħda mil-laqgħat li ma sarux ukoll, allura kienet żejda waqt din il-laqgħa minħabba li għaddiet id-data.

**Proposta għal żona tal-akwakultura ġdida fit-Tramuntana ta' Malta** – Il-Kunsill huwa rikjest li jissottometti kwalunkwe kummenti li għandu, sa qabel is-6 ta' Frar, u jekk ma jissottometti xejn, ikun daqs li kieku l-Kunsill m'għanu l-ebda oġġezzjoni. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li diġà kien sar studju  u diġà kienet ġiet diskussa fil-Kunsill. Is-Sindku qalet li meta fittxet fuq din il-proposta ma' skrivana tal-Kunsill, ma sabu xejn. Il-Kunsilliera Graziella Galea u Mandy Buhagiar issuġġerew li l-Kunsill għandu jikteb lil min bgħat din il-korrisponenza, li l-Kunsill m'għandu l-ebda aċċess.

**Seminar li sar fil-25 ta' Jannar** – leħaq għadda.

**Bidla fil-livell tal-bankina fi Triq il-Ġifen, Buġibba** – Il-Bord tal-Infrastruttura kien diġà approva x-xogħolijiet, spejjeż tal-kuntrattur.

## 76.4: Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera

Il-Kunsillier Paul Bugeja talab li l-mistoqsijiet tiegħu jiġu preżentati waqt laqgħa tal-Kunsill. Is-Sindku nformat lil dawk preżenti, li hi kienet tatù r-risposti waqt laqgħa preċedenti, u minħabba li ma kienx preżenti, ser jittellaw waqt laqgħa oħra.

## 76.5: Item: Board Attivitajiet u Attivitajiet li jmiss

L-attivita' li jmiss hija Oratorju Paulus u Ġieħ San Pawl li ser issir fid-9 ta' Frar, 2019.
Il-laqgħa ġiet sospiża sakemm inqraw l-ismijiet tan-nies nominati għal ġieħ San Pawl.
Il-laqgħa tkompliet fis-18.45.

L-attivita' ta' wara ser tkun il-Wignacourt Tower Festival fit-28 t'April 2019.
Iktar informazzjoni ser tingħata iktar 'il quddiem.

## 76.6: Item: Sabiex il-Kunsill jiddisponi mix-xogħol li fadal mil-laqgħa ta' qabel

### 76.6.1: Claims

Il-Kunsillier Dounia Borg spjegat kif kien hemm madwar 2 jew 3 talbiet għal kumpens li ma kienux milqugħa minħabba li talbu ammont esaġerat u ma ppreżentawx informazzjoni biżżejjed, il-kumplament kienu approvati. Is-Sindku qrat li waħda minnhom kienu nformaw waqt telefonata li l-istima ħarġet wara spezzjoni minn kumpanija fuq il-vettura. Spjegat ukoll kif kien hemm klejm oħra li kienet għal 2 *tyres* u mhux wieħed. Il-Kunsillier Mandy Buhagiar saqsiet fuq liema bażi deher ammont esaġerat, mhux ġustifikata li għax qed jitolbu ħafna, ma toħroġx approvazzjoni, l-ammont ta' kull *tyre* ivarja għal vetturi differenti. Il-Kunsillier Dounia Borg spjegat li l-bord irid jimxi mal-baġit approvat, filkas ikun hemm bżonn li jiżdied il-baġit. (1,06,50)

## 76.7: Item: Il-Pjan u l-Baġit

Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li dan il-pjan hu abbozz u jistgħu jsirulu tibdiliet.
Id-dokumenti ġew approvati kif inhuma.

## 76.8: Item: Fixed Deposit Account

Is-Sindku spjegat li l-Kunsill preżentament qed iħallas taxxi biex iżomm flus il-bank. Staqsiet lill-Kunsilliera jekk jaqblux li jsir kont ta' depożitu fiss. Spjegat kif din kienet rakkomandata mill-accountant tal-Kunsill, pero' hemm bżonn l-approvazzjoni tal-Kunsill. Kien hemm qbil unanimu li jsir *fixed deposit account.*

## 76.9: Item: Principal (staff tal-Kunsill)

Is-Sindku staqsiiet kif għall-aħħar ammont ta' snin, is-Sna Sandra Grech kienet indirizzata bħala Prinċipal, u din is-sena saret Assistent Prinċipal. Is-Segretarju Eżekuttiv fehmet kif l-irwol ta' Prinċipal ma teżistix fil-Kunsilli Lokali. Bħala salarju u skala baqgħu ta' Prinċipal, pero' l-irwol huwa ta' Assistent Prinċipal. Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat ukoll li fir-riforma l-ġdida, ser ikun hemm xi tibdil fl-HR.

## 76.10: Item: Public Consultation Meetings

Is-Sindku għaddiet suġġeriment biex issir Public Consultation Meeting mar-residenti li għandhom il-Karta tal-Identita' fuq San Pawl il-Baħar rigward il-proġett tas-Sirens, fis-sala tal-Iskola Primarja filgħaxija. Spjegat li l-Kunsill għandu jsaqsi lill-iskola jekk ikunx possibbli li tintuża s-sala filgħaxija. Biex kemm min-naħa tal-Gvern kif ukoll min-naħa tas-Sirens, ikunu jistgħu ifiehmu lir-residenti. Il-Kunsillier Joseph Vella staqsa kif kienu qed jissuġġerixxu li din il-laqgħa ssir fl-iskola. Is-Sindku spjegatlu li dan kien minħabba li s-sala tal-iskola hija akbar. Il-Kunsillier Joseph Vella għadda suġġeriment li toħroġ kwotazzjoni għal sala ta' lukanda u ma ssirx f'tal-iskola. Is-Sindku kkummentat kif id-Dipartiment tal-Edukazzjoni japprezza jekk din il-laqgħa ssir fis-sala tal-iskola. Fl-istess ħin issir laqgħa għar-residenti mal-Wasteserv biex jispjegawlhom sew is-sistema ġdida tas-separazzjoni tal-iskart. Il-Kunsillier Rodney Galea ssuġġerixxa li kull parti ta' San Pawl il-Baħar issirilhom laqgħa f'post f'dik il-parti (Knisja tal-Qawra, Skola tal-Wardija, eċċ.). Il-Kunsillier Rodney Galea għadda suġġeriment, li jekk ser isiru Public Consultation Meetings rigward l-iskart, il-Kunsill għandu jinforma lill-kuntratturi tal-ġbir tal-iskart, biex ma jħalltux l-iskart flimkien u jaqbżu ammont ta' boroż waqt il-kollezzjoni.
Il-Kunsill qabel li jsiru dawn il-laqgħat.

## 76.11: Item: Laqgħa Annwali

Is-Sindku fiehmet li mportanti ħafna li tingħażel data għal din il-laqgħa. Il-Kunsillier Dounia Borg għaddiet suġġeriment li jintbagħtu ittri fid-djar bid-data tal-Laqgħa Annwali. Il-Kunsilliera suġġerew li s-Sindku u s-Segretarju jagħżlu data bejniethom u jinformaw lill-Kunsilliera bid-deċiżjoni. Kien suġġerit li ssir darba s-Sibt filgħaxija.

## 76.12: Item: Wied Qannotta u Triq Busewdien

Il-Kunsillier Rodney Galea talab li tintbagħat ittra bl-Avukat lill-kuntrattur li jekk mhux ser jibda x-xogħolijiet sal-aħħar tax-xahar ta' Jannar, il-Kunsill jibda jwaħħlu l-penali. Għadda kumment ieħor li fejn kisser il-kuntrattur, għandu jirranġa hu, u mhux bħala parti mill-fondi. Is-Sindku spjegat li meta marret fuq il-post, il-kuntrattur kellu jirranġa r-rampi tal-bdiewa li kien kisser.

Rigward Triq Busewdien, is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li hi kienet kitbitlu notifika u kwotatlu l-artiklu. Il-ġurnata ta' qabel il-laqgħa tal-Kunsill, ikkuntattjat lill-Avukat tal-Kunsill, fejn qabel magħha. Lill-kuntrattur qed tibgħatlu l-imejls li qed tirċievi rigward il-problemi mingħand ir-residenti tal-Wardija. Il-kuntrattur informaha li rranġa ma' kuntrattur ieħor u sa sebat ijiem wara, din it-triq kellha tkun lesta. Il-Kunsillier Rodney Galea qal lis-Segretarju Eżekuttiv biex twissi lill-Perit tal-Kunsill li sakemm il-kuntrattur ikun qed jaħdem fuq din it-triq, hu jissorvelja x-xogħolijiet. (1,28,06)
Il-laqgħa ġiet sospiża sakemm il-Kunsillier Joseph Vella ħareġ ftit mil-laqgħa.
Il-laqgħa tkompliet daqs 2 minuti wara.

Is-SE informat lill-membri preżenti li kienet qed tara l-possibilta' li tqabbad il-kuntrattur li ġie t-tieni, pero' hemm proċess li l-Kunsill għandu jimxi miegħu. Il-Kunsilliera Rodney Galea u Graziella Galea staqsew jekk jistax isir patching temporanju. Is-Sindku nformathom li l-makkinarju li għandu l-Kunsill mhux tajjeb biżżejjed għal dawn il-ħofor. Issuġġeriet li jitqabbad kuntrattur ieħor biex jagħmel patching tajjeb, u jintbagħat il-kont lill-kuntrattur li preżentament imqabbad mill-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv informathom li ser isaqsi lill-Avukat. Il-Kunsilliera preżenti qablu ma' din il-proposta.

Il-Kunsillier Mandy Buhagiar staqsiet jekk jistgħux jgħaddu għal item 76.15 minħabba li kellha ħin limitat.
Ħadd m'oġġezzjona.

## 76.15: Item: Tenders / Quotations

### 76.15.1: Approvazzjoni – Rapport t' Evalwazzjoni Household Waste Collection

Il-laqgħa ġiet sospiża sakemm is-Segretarju Eżekuttiv qrat ir-riżultati tat-Tender għal *Household Waste Collection.*
Il-laqgħa reġgħet infetħet fis-19.30.
Kien hemm qbil unanimu li l-Kunsill imur għall-irħas offerta.

## 76.14: Item: Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti u approvazzjoni ta' xiri t' oġġetti jew servizzi

Il-laqgħa ġiet sospiża għal ftit minuti sakemm is-Segretarju Eżekuttiv marret tagħmel kopji tal-iskeda 1A.

Il-laqgħa reġgħet infetħet.

Skeda 1A:
Il-Kunsillier Graziella Galea għaddiet kumment li l-Kunsillier Alfred Grima kien kiteb fuq pagament t'attivita' (ma kienetx ċerta hix item 183). Issuġġeriet li jekk hemm każ għand il-Monitoring, l-ewwel nistennew risposta mingħandhom. Is-Segretarju Eżekuttiv informata li kienet rigward il-Guggen Band. Il-Kunsillier Joseph Vella għadda punt li din il-banda kienet approvata mill-Bord tal-Attivitajiet, u ma telgħetx quddiem il-Kunsill, minħabba li l-laqgħa tal-10 ta' Diċembru waqa' l-kworum qabel ġew diskussi l-attivitajiet. Il-Kunsillier Graziella Galea kkummentat fuq kif l-attivita' tal-Milied kellha tkun fil-21, 22 u 23 ta' Diċembru 2018, pero' fuq l-iskeda hemm pagamenti barra minn dawk id-dati.

Skeda 1:
Item 890 – Hiring of mobile toilets – Il-Kunsillier Rodney Galea staqsa jekk il-mobile toilets li hemm ħdejn il-latrina ta' Triq Parades, għadhomx jinkrew mingħand Joe Bonnici & Sons. Is-Sindku kkonfermat dan, u nformat lill-Kunsilliera li dawn qed jiġu mnaddfa mingħand persuna ieħor.
Item 029 – LogoGrafix Signs – Perspex għat-tabelli għall-bandli tat-Thalassalejn. Kienet l-irħas kwotazzjoni.
Il-Kunsillier Graziella Galea qalet li jekk hemm pagamenti li ma kienux approvati mill-Kunsill, hi kienet ser tastjeni milli tapprovahom.
Item 047 – Il-Kunsillier Graziella Galea staqsiet biex jekk hemm xi ħadd li għandu konflitt t'interess, jiddikjarah.
Item 051 – imniżżel bħala Direct Order – Il-Kunsillier Joseph Vella għadda punt li din kellha tkun DA u mhux DO.

Skeda 1 għaddiet għal vot;
Il-Kunsillier Graziella Galea astjeniet mill-pagamenti ta' items 047a sa 047d, sakemm ikun hemm l-approvazzjoni tal-Kunsill.
Il-Kunsilliera l-oħra approvaw Skeda 1 kollha.

Skeda 1A għaddiet għal vot;
Is-Segretarju Eżekuttiv irrimarkat fuq item 083 – AG bgħat imejl fuqha, li l-Bord tal-Attivitajiet għandu jirrispondih.
Item 108 – Lunch during cultural outing – Il-Kunsillier Rodney Galea staqsa jekk kienux ħarġu kwotazzjonijiet. Is-Sindku kkonfermatlu li joħorġu l-kwotazzjonijiet, u l-Kunsill ma joħroġ xejn, minħabba li r-residenti li jattendu jħallsu.
Item 108 – Il-Kunsillier Mandy Buhagiar għaddiet punt li kienet imniżżla bħala DO.
Item 117 – Dan il pagament gie approvat mill- Kunsill izda Is-Segretarju Eżekuttiv mhiex ser tagħdi il pagament għalissa. Hija sostnit ili ser tikkonsulta mad- Dipartiment sabiex tkun etikament korretta.
Skeda 1A approvata bħal Skeda 1.

## 63.10 Tmiem il-laqgħa

Il-Laqgħa ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 26 ta' Frar 2019.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| ____________________ | _________________________ |
| Anne – Marie Fenech | Mariella Strout |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |